# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Ġuramentat Numru: 8/2019 SG**

**Jonathan Mizzi**

**vs**

**Denise Mizzi**

**Illum l-Erbgħa, 10 ta' Ġunju 2020**

Il-Qorti,

## I. Preliminari

Illi b'rikors ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2020 ir-rikorrent Jonathan Mizzi talab li din il-Qorti jogħġobha a tenur tal-Artikolu 266 tal-Kap. 12 tordna l-esekuzzjoni provviżorja tas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Marzu 2020 minn din il-Qorti. Din it-talba qed issir anke jekk għadu ma għaddiex iż-żmien li fih l-intimata setgħet tintavola l-appell u anke jekk jiġi intavolat l-istess appell. Skont ir-rikorrenti, huwa qed isofri preġudizzju kbir u ferm akbar minn dak li tista' ssofri l-intimata jekk din is-sentenza ma tkunx eżegwibbli. Sostna li huwa talba li tiġi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti u tibda tapplika s-separazzjoni tal-beni peress li huwa jinsab bla post fejn joqgħod, qed iħallas nofs il-*loan* li fadal fuq id-dar matrimonjali mentri l-intimata qed tabita fl-istess dar matrimonjali ad esklużjoni tiegħu. Spjega li huwa spiċċa ma jarax lil uliedu waqt l-imxija tal-Covid 19 stante li kien jabita ma' persuna vulnerabbli. Insista li huwa jixtieq jieħu *loan* biex jibda jaħseb fejn ser joqgħod Għawdex iżda din ma tistax tittieħed qabel mas-sentenza tkun eżegwibbli għaliex sakemm tiġi eżegwibbi s-sentenza, il-*loan* irid jittieħed bil-kunsens ta' l-intimata. Sostna li bit-terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, l-intimata mhux ser issofri preġudizzju stante li dak li jifforma parti mill-

komunjoni ser jibqa' kollu hemm kif ukoll li l-istess xoljiment intalab ukoll mill-intimata fil-kontrotalba.

L-intimata opponiet għal tali talba tar-rikorrenti għar-raġunijiet imsemmija fir-risposta tagħha. Fost oħrajn, l-intimata spjegat li d-dar matrimonjali hija proprjeta' konġunta u jekk ir-rikorrenti jieħu *loan*, huwa ser jintalab jagħti ipoteka ġgenerali li tolqot il-ġid kollu tiegħu inkluż is-sehem tiegħu mid-dar matrimonjali. B'hekk ir-rikorrenti jkun qed jgħabbi ġid tal-komunjoni b' dejn personali tiegħu. Fl-agħar ipoteżi li r-rikorrenti ma jħallasx il-*loan*, jkunu jistgħu jittieħdu passi kawtelatorji u eżekuttivi kontrih inkluż fuq id-dar matrimonjali. L-intimata ressqet soluzzjonijiet x' jista' jsir bħal li hi tawtorizza li r-rikorrenti jieħu l-*loan* b' dan li ma jagħti ebda garanziji ipotekarji jew legali li jolqtu s-sehem mill-proprjeta' immobbli formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jew li r-rikorrenti stess juri li l-*loan* li ser iġib ma jimporta ebda garanziji li jolqtu sehmu mill-proprjeta' immobbli formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. L-intimata sostniet li hija tibża' li r-rikorrenti jieħu iktar *loans* biex b' hekk ikompli jippeġġora s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu a skapitu ta' ġid miżmum in komun magħha. Sostniet li d-dar matrimonjali ġia' hija milquta minn ipoteka ġenerali li r-rikorrenti ta lill-bank sabiex jieħu *loan* biex jixtri appartament fis-Swatar.

## II. <u>L-artikolu 266 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta</u>

L-Artikolu 266 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi:

*"(1) Ħlief fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 267, sentenzali ma tikkostitwix ġudikat ma tkunx esegwibbli kemm-il darba, fuq talba tal-parti interessata, dik is-sentenza ma tkunx ġiet dikjarata mill-qorti li tkun esegwibbli provviżorjament.*

*(2) Dik it-talba għandha ssir permezz ta' rikors li għandu jiġi notifikat lill-parti kuntrarja li jkollha dritt tippreżenta rispostagħalih fi żmien jumejn tax-xogħol.*

*(3) Il-qorti tal-ewwel grad għandha, wara li tisma' fil-qosor il-partijiet, tiddeċidi r-rikors kemm jista' jkun malajr wara l-preżentata tiegħu:*

*Iżda –*

*(a) jekk ir-rikors ikun preżentat qabel ma tingħata s-sentenza, il-qorti tal-ewwel grad għandha tiddeċiedi r-rikors kemm jista' jkun malajr wara li tingħata dik is-sentenza; u*

*(b) jekk, fuq appell mis-sentenza tal-qorti tal-ewwel grad,l-introduzzjoni tal-atti quddiem il-qorti fi grad ta'appell issir qabel id-deċiżjoni tar-rikors mill-qorti tal-ewwel grad, dak ir-rikors*

*għandu jiġi trattat u deċiż mill-qorti fi grad ta' appell, u, f'kull każ bħal dan, jekkir-risposta għar-rikors ma tkunx ġiet preżentata qabel,dik l-introduzzjoni għandha tiġi preżentata fil-qorti figrad ta' appell.*

*(4) Meta l-qorti tal-ewwel grad tkun iddikjarat sentenza bħalali tista' tiġi esegwita provviżorjament, il-qorti fi grad ta' appelltista', f'kull żmien qabel ma tagħti s-sentenza, fuq ir-rikors tal-parti interessata, tikkonferma, tbiddel jew tħassar id-deċiżjoni.*

*(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) għandhom jgħoddu għal kull rikors preżentat skont l-aħħar subartikolu qabel dan.*

*(6) Meta talba għal dikjarazzjoni skont is-subartikolu (1) ma ssirx quddiem il-qorti tal-ewwel grad, dik it-talba tista' ssir lill-qorti fi grad ta' appell f'kull żmien qabel ma tingħata s-sentenza ta'appell.*

*(7) Il-qorti għandha tiddikjara li s-sentenza tkun esegwibbli provviżorjament jekk tkun soddisfatta illi d-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer aktarx jikkaġuna preġudizzju akbar lill-parti li titlob dikjarazzjoni skont is-subartikolu (1) millidik l-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja.*

*(8) Il-parti li kontra tagħha l-esekuzzjoni ta' sentenza dikjarataesegwibbli provviżorjament skont dan l-artikolu tkun imħarka għandha, f'każ ta' tħassir jew tibdil ta' dik is-sentenza, ikollha dritt għal danni u mgħax.*

*(9) Il-qorti li quddiemha l-atti dwar sentenza dikjarata esegwibbli provviżorjament skont dan l-artikolu jkunu għal dak iż-żmien introdotti tista' f'kull żmien tordna li tagħti lill-partikuntrarja garanzija tajba għall-ħlas tad-danni u mgħax li jistgħu jkunu dovuti skont is-subartikolu (8).*

*(10) Meta sentenza tkun ġiet dikjarata esegwibbli provviżorjament skont dan l-artikolu, l-esekuzzjoni tagħha għandha titwaqqaf jekk il-parti interessata tagħti garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza malli tgħaddi b'ġudikat, magħduda, metal-ħaġa tirriferixxi għall-ħlas ta' flejjes, garanzija għall-ħlas ta'mgħax, u, meta l-ħaġa tirriferixxi għal ħwejjeġ oħra, garanzija biextagħmel tajjeb għal kull ħsara li tista' tiġi kaġunata lilha minħabba t-traskuraġni jew ħtija tagħha u biex trodd kull frottijiet li jistgħujittieħdu minnha.*

*(11) Jekk tinqala' xi kwistjoni dwar is-suffiċjenza tal-garanzijamogħtija skont is-subartikolu (10) il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrulha xierqa dwar jekk l-esekuzzjoni tas-sentenza għandhiex tiġi sospiża sakemm dik il-kwistjoni tiġi deċiżab'sentenza oħra li tikkostitwixxi ġudikat.*

*(12) F'dan l-artikolu l-frażi "qorti tal-ewwel grad" għandhatiftiehem bħallikieku tinkludi riferenza għall-Bord li Jirregola l-Kera."*

Fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2010, f' **Michael Debono u martu Mary Debono v. Joseph Zammit u martu Maria Victoria Zammit**, il-Qorti ta' l-Appell spjegat:

*"Illi t-talba tar-rikorrenti saret abbażi tal-Artikolu 266 tal-Kap. 12. Dan jipprovdi li:*

*"266. (1) Ħlief fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 267, sentenza li ma tikkostitwix gudikat ma tkunx esegwibbli kemm-il darba, fuq talba tal-parti interessata, dik issentenza ma tkunx giet dikjarata mill-Qorti li tkun esegwibbli provviżorjament.*

…..

*"(7) Il-Qorti għandha tiddikjara li s-sentenza tkun esegwibbli provviżorjament jekk tkun soddisfatta illi d-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer aktarx jikkaguna pregudizzju akbar lill-parti li titlob dikjarazzjoni skond is-subartikolu (1) milli dik l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja."*

…..

*Il-motivazzjoni tar-rikorrenti għat-talba għall-esekuzzjoni proviżorja ta' parti tas-sentenza appellata hija li qed ibatu ħsarat kbar u estensivi minħabba dħul tax-xita mentri min-naħa l-oħra l-intimati qed isostnu li jekk jitkaħħal l-ħajt in kwistjoni ser ibatu pregudizzju rrimeddjabbili billi l-mertu tal-kawża u l-appell jigi reż inutili.*

…..

*Din il-Qorti hi sodisfatta li jokkorru fil-każ taħt eżami cirkostanzi li jiggustifikaw l-esegwibilita` provviżorja tas-sentenza u l-pregudizzju li qed isofru r-rikorrenti hu akbar minn dak tal-intimati jekk tintlaqa' t-talba."*

Il-Qorti ta' l-Appell ikkunsidrat talba oħra ai termini ta' l-artikolu 266 tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fis-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014 f' **David u Isabelle konjuġi Bonett v. Sueanne u Jason konjugi Vella**. Dan kien provvediment mogħti fuq rikors preżentat fit-23 ta' April 2014 li permezz tiegħu u ai termini tal-Artikolu 266 tal-Kap.12 ir-rikorrenti talbu l-eżekuzzjoni provviżorja tas-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Diċembru 2013 li permezz tagħha dik il-Qorti kkundannat u ordnat lill-intimati sabiex iħallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' mitejn, disgħa u tletin elf u tmien mitt Euro (€239,800) bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż

relattivi. Fir-risposta tagħhom l-intimati affermaw li jekk t-talba tar-rikorrenti tiġi milqugħa l-preġudizzju li ser isofru l-intimati ser ikun akbar minn dak tar-rikorrenti, u jispjegaw li jekk tintlaqa' t-talba tali eżegwibilita` ser tfixkel u tikkomplika l-andament tas-subbasta. Il-Qorti spjegat:

*"Minn dak li jirriżulta lil din il-Qorti mill-atti eżaminati minnha, jidher li r-raguni għat-talba tar-rikorrenti hi l-possibilita` li jekk jigu sodisfatti l-kredituri l-oħra ma jkunx hemm fondi bizzejjed sabiex jitħallas dak dovut lilhom.*

*Il-Qorti tosserva li l-Artikolu 266 tal-Kap. 12 huwa intiż sabiex, fir-relazzjonijiet bejn il-kreditur u d-debitur, jilqa' għall-każijiet fejn jekk ma ssirx l-eżekuzzjoni provviżorja ta' sentenza appellata, il-kreditur rikorrent isofri pregudizzju akbar minn dak li jsofri d-debitur l-intimat jekk ma ssirx tali eżekuzzjoni. Iżda dan l-pregudizzju ma jkoprix dak li l-kreditur jista' jsofri mill-fatt li jkun hemm konkorrenzza ta' krdituri oħra li t-titolu tagħhom jista' jippregradwaw qabel tiegħu. Fi kliem ieħor dan l-artikolu tal-ligi mhuwiex intiż sabiex kreditur jaqbeż illegalment lill-krdituri l-oħra li jista' jkollhom titolu aqwa u li jippregradwa dak tal-kreditur u b'hekk tigi stultifikata l-ligi li tirregola l-konkorrenza bejn krdituri, b'dannu lid-drittijiet ta' dawn il-krdituri.*

*Cioe`, il-pregudizzju potenzjali li minnu jilmentaw ir-rikorrenti ma jemanax verament min-nuqqas ta' eżekuzzjoni tas-sentenza appellata iżda mill-fatt li hemm krdituri oħra tal-intimati li jippregradwaw dak tar-rikorrenti u dan ma hux ix-xorta ta' pregudizzju li l-ligi trid tħares bir-rimedju previst fl-Artikolu 266 tal-Kap. 12."*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru 2011 f'**<u>Garden of Eden Garage Limited vs Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta u b' digriet tat-8 ta' Jannar, 2010, l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta assumiet l-atti tal-kawża</u>** qalet:

*"Illi jifdal biss li l-Qorti tqis it-talba tal-kumpannija attriċi biex tordna l-eżekuzzjoni provviżorja ta' din issentenza. Ladarba l-Qorti sejra tilqa' l-ewwel tliet talbiet attriċi, trid tara jekk tilqax l-imsemmija talba fid-dawl tar-rikors imressaq minn GOE fit-2 ta' Marzu, 2010. GOE tiġġustifika t-talba tagħha billi tgħid li l-ħsara li qiegħda ġġarrab ma' kull jum li jgħaddi joħloq raġuni tajba biex il-Qorti tilqa' t-talba tagħha.*

*Fit-Tweġiba tagħha, TM topponi għat-talba u tissottometti li talba bħal dik ma tistax issir fejn is-sentenza li tingħata tkun waħda in parte u fejn il-parti li tkun telliefa m'għandhiex il-jedd awtomatiku ta' appell minn sentenza bħal dik jekk mhux bil-permess tal-Qorti li tkun tatha jew inkella biss wara li jinqatgħu lkapijiet kollha tal-kawża b'sentenza aħħarija. Minbarra dan, l-eżekuzzjoni provviżorja tingħata fejn il-kwestjoni deċiża tkun "waħda ta' sempliċita' ictu oculi" (App. Ċiv. 30.7.2010 fil-kawża fl-ismijiet* ***<u>T.F.E.A. Limited vs Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kummerċ</u>****), li f'din il-kawża m'huwiex il-każ;*

*Illi dwar is-sottomissjonijiet ta' TM il-Qorti tirrileva li l-artikolu 266 tal-Kapitolu 12 jgħodd għal dawk il-kawżi fejn "sentenza li ma tikkostitwix ġudikat" jista' jintalab lesekuzzjoni provviżorja tagħha. Imkien ma jissemma fil-liġi li ma tistax tintalab l-eżekuzzjoni provviżorja ta' sentenza in parte, bħalma wkoll ma żżommx milli tintalab l-eżekuzzjoni provviżorja ta' parti minn sentenza li minnha jkun tressaq appell;*

*Illi l-Qorti tqis li l-liġi trid biss li biex sentenza tkun eżegwibbli provviżorjament, il-Qorti "trid tkun soddisfatta illi d-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer aktarx jikkaġuna preġudizzju akbar lill-parti li titlob dikjarazzjoni" bħal dik milli dik l-esekuzzjoni toħloq lill-parti l-oħra. F'dan il-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-eżekuzzjoni provviżorja tas-sentenza li qiegħda tingħata se tkun b'mod ewlieni mħollija f'idejn TM innifisha billi t-twettieq tat-talbiet attriċi huwa, fil-fatt, eżerċizzju ta' diskrezzjoni mħolli f'idejha stess u għalhekk tqis li l-ħsara li tista' ġġarrab bl-eżekuzzjoni mitluba hija kontenibbli f'għamilha stess. Minbarra dan, ukoll jekk TM titlob u tingħata l-permess biex tappella minn din is-sentenza, huwa dejjem mogħti lilha mil-liġi li titlob lill-Qorti li quddiemha jkun tressaq l-istess appell li tbiddel jew tħassar ordni ta' eżekuttivita' provviżorja."*

Fis-seduta tat-30 ta' April 2013, f' **<u>Carmel sive Charles Borg u Isaac Borg v. Sacha Said personalment u għan-nom ta' Said International Limited</u>** il-Qorti ta' l-Appell irriteniet li:

*"L-Artikolu 266(7) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li l-Qorti għandha tiddikjara s-sentenza esegwibbli provviżorjament jekk tkun soddisfatta li d-dewmien fl-eżekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer x'aktarx jikkaġuna preġudizzju akbar lill-parti li titlob dik l-eżekuzzjoni provviżorja milli dik l-eżekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja.*

*7. Ir-rikorrent ma għandux raġun meta jgħid li l-appell mistenni jinstema' fl-2015 għaliex konformement ma' dak previst fil-liġi, u ċioe` li appelli f'kawżi ta' spoll jingħataw priorita` fuq appelli ta' xort'oħra, l-appell inkwistjoni ser jiġi appuntat għas-smigħ f'Mejju ta' din is-sena.*

*8. B'danakollu rriżulta li l-preġudizzju li minnu jilmentaw l-intimati fl-eventwalita` li tiġi milqugħa t-talba għall-eżekuzzjoni provviżorja huwa pjuttost spekulattiv konsistenti fil-possibilita` li terzi jkunu jistgħu jidħlu fil-fond tal-intimati permezz tal-aperturi li l-istess fond għandu u li jagħtu għal fuq il-bitħa li għaliha jkun hemm aċċess millbieb inkwistjoni.*

*9. Min-naħa l-oħra, il-preġudizzju li jsofri r-rikorrent fl-eventwalita` li tiġi miċħuda t-talba tiegħu jkun wieħed attwali, reali u immedjat peress li jiġi miċħud lilu l-aċċess għall-bitħa inkwistjoni li jkun jista' jużaha sabiex itella' lmerkanzija b'anqas strapazz u b'aktar faċilita` milli kieku kellu juża alternattivi oħra --- dritt ta' aċċess li ġie lilu rikonoxxut mis-sentenza appellata, anki jekk mhux b'mod finali.*

*10. Il-Qorti hi għalhekk sodisfatta li jikkonkorru r-rekwiżiti tas-subartikolu (7) tal-Art. 266 imsemmi;"*

## III. Konsiderazzjonijiet

Wara li semgħet lil partijiet fis-seduta ffissata għal dan il-għan, il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet magħmula. Tissottolinja li l-Artikolu 266(7) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li l-Qorti għandha tiddikjara s-sentenza esegwibbli provviżorjament jekk tkun soddisfatta li d-dewmien fl-eżekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer x'aktarx jikkaġuna preġudizzju akbar lill-parti li titlob dik l-eżekuzzjoni provviżorja milli dik l-eżekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja.

Il-Qorti tqis li appell mis-sentenza mogħtija minnha fit-12 ta' Marzu 2020 jingħata priorita' fuq appelli ta' xort' oħra. Madanakollu, il-Qorti hija sodisfatta li d-dewmien fl-eżekuzzjoni tas-sentenza sejjer jikkaġuna preġudizzju akbar lir-rikorrenti milli dik l-eżekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-intimata. Irriżulta li r-rikorrenti jrid jieħu self bankarju biex jiżviluppa art li ser tiġi mogħtija lilu b'donazzjoni mill-ġenituri tiegħu sabiex huwa jkollu post f'Għawdex proprjeta' tiegħu fejn ikun jista' joqgħod. Il-preġudizzju li qed tilmenta minnu l-intimata fis-sens li jekk tiġi milqugħa t-talba għall-eżekuzzjoni provviżorja, u ċioe' li ssir ipoteka ġenerali fuq sehem ir-rikorrenti minn beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, huwa spekulattiv stante li sabiex dan ikun ta' preġudizzju għall-intimata, l-istess rikorrenti jrid l-ewwel jieqaf milli jonora l-kundizzjonijiet tas-self bankarju li ser jieħu. Meta jittieħed self bankarju, il-bank jieħu ħsieb li jkollu garanziji bħal per eżempju ipoteka speċjali fuq proprjetajiet li jappartjenu interament u esklussivament lil min jixtieq jieħu tali self bankarju u/jew ipoteka speċjali fuq l-istess beni li jkun ser jinxtara b' tali self jew fuq l-istess beni li jkun ser jinbena u/jew jiġi attrezzat bil-flejjes mislufa. Fil-każ odjern, l-istess rikorrenti għandu beni oħra immobbli u parafernali li wkoll jista' jservi ta' garanzija mal-bank. In oltre, għandu jiġi sottolinjat li jekk jiġi hekk mitlub mill-bank, ir-rikorrenti jista' biss jagħmel tali ipoteka ġenerali fuq is-sehem tiegħu biss mill-beni appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti. Il-Qorti madanakollu tissolleċita lir-rikorrenti biex f' każ li huwa aċċettabbli mal-bank li mingħandu ser jottjeni self bankarju, jevita li jsiru garanziji b'sehmu minn beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Il-Qorti hi għalhekk sodisfatta li jikkonkorru r-rekwiżiti tas-subartikolu (7) tal-Art. 266 imsemmi.

Dwar il-kwistjoni ta' ordni dwar garanzija tajba għall-ħlas tad-danni u mgħax li jistgħu jkunu dovuti skont is-subartikolu (8) tal-artikolu 266 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-qorti qieset li ai termini tas-subartikolu (9) tal-artikolu 266 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta'

Malta, hija tista' **f'kull żmien** tordna li tagħti lill-parti kuntrarja garanzija tajba għall-ħlas tad-danni u mgħax li jistgħu jkunu dovuti skont is-subartikolu (8). **F' dan l-istadju**, il-Qorti ma tqisx li għandha teżerċita tali diskrezzjoni tagħha f'dan ir-rigward u konsegwentement, **f' dan l-istadju** ma hijiex qed tordna lir-rikorrenti sabiex jagħti lill-intimata garanzija tajba għall-ħlas tad-danni u mgħax li jistgħu jkunu dovuti fis-subartikolu (8) tal-Artikolu 266 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

## IV. Decide

Għaldaqstant tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors ta' Jonathan Mizzi tad-19 ta' Mejju 2020 u tiddikjara provviżorjament eżegwibbli l-imsemmija sentenza tagħha tat-12 ta' Marzu 2020 ai termini tal-artikolu 266 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Tordna wkoll lir-Reġistratur tal-Qorti javża b' dan lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, b' dan li t-terminu ta' ġimgħa imsemmi fis-sentenza tat-12 ta' Marzu 2020 jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjeż ta' dan l-inċident jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

(ft) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

10.06.2020 – Fam8.2019 – Mizzi Jonathan vs Mizzi Denise
2472